

Brussell, 3 ta' Ġunju 2022  
(OR. en)

9820/22

CORDROGUE 53  
SAN 337  
ENFOPOL 315  
DROIPEN 77  
JAI 801

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Ġunju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 251 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-eżerċizzju tad-delega mogħtija lill-Kummissjoni skont id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI dwar iż-żieda ta' sustanzi mad-definizzjoni ta' "droga"

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 251 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 251 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 1.6.2022  
COM(2022) 251 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-  
KUNSILL**

**dwar l-eżerċizzju tad-delega mogħtija lill-Kummissjoni skont id-Deċiżjoni Kwadru tal-  
Kunsill 2004/757/ĠAI dwar iż-żieda ta' sustanzi ma-definizzjoni ta' "droga"**

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## dwar l-eżerċizzju tad-delega mogħtija lill-Kummissjoni skont id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI dwar iż-żieda ta' sustanzi mad-definizzjoni ta' "droga"

### 1. Introduzzjoni u bażi ġuridika

L-Artikolu 8a(1) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi<sup>1</sup> (minn hawn 'il quddiem "id-Deċiżjoni Kwadru") jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta direttivi delegati biex iżżid sustanzi mal-lista ta' sustanzi fl-Anness I li jiffurmaw parti mid-definizzjoni ta' "droga".

L-Artikolu 8a(2) tad-Deċiżjoni Kwadru jesiġi li l-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżerċizzju tad-delega mogħtija lill-Kummissjoni permezz ta' dik id-Deċiżjoni Kwadru. Dan ir-rapport għandu l-għan li jissodisfa l-obbligu tar-rapportar stabbilit għall-Kummissjoni mill-Artikolu 8a(2) tad-Deċiżjoni Kwadru.

Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' durata identika, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn 3 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

Flimkien mar-Regolament (KE) 1920/2006 dwar iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga<sup>2</sup>, id-Deċiżjoni Kwadru tipprevedi proċedura bi tliet stadji li tista' twassal biex tiġi inkluża sustanza psikoattiva ġdida fid-definizzjoni ta' "droga" u b'hekk tiġi koperta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi kriminali tal-Unjoni dwar it-traffikar illeċitu ta' drogi. Wara (i) rapport inizjali miċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga f'konformità mal-Artikolu 5b tar-Regolament (KE) 1920/2006 u (ii) valutazzjoni tar-riskju mill-Kumitat Xjentifiku Estiż taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga f'konformità mal-Artikolu 5c tar-Regolament (KE) 1920/2006, (iii) il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien bla bżonn, tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 8a tad-Deċiżjoni Kwadru.

### 2. Eżerċizzju tad-delega

Is-setgħa li jiġu miżjuda sustanzi mad-definizzjoni ta' "droga" intużat erba' darbiet u l-Kummissjoni adottat id-direttivi delegati segwenti:

- (a) 2018: Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/369 tat-13 ta' Diċembru 2018 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI rigward l-inklużjoni ta' sustanzi psikoattivi ġodda fid-definizzjoni ta' "droga"<sup>3</sup>.

<sup>1</sup> ĠU L 335, 11.11.2004, p. 8. [EUR-Lex - 02004F0757-20210609 - MT - EUR-Lex \(europa.eu\)](#)

<sup>2</sup> ĠU L 376, 27.12.2006, p. 1. [EUR-Lex - 32006R1920 - MT - EUR-Lex \(europa.eu\)](#)

<sup>3</sup> ĠU L 66, 7.3.2019, p. 3–5. (Dħul fis-seħħ: 27.3.2019). [EUR-Lex - 32019L0369 - MT - EUR-Lex \(europa.eu\)](#)

Id-Direttiva (UE) 2017/2103 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017<sup>4</sup> li emendat id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI sabiex tinkludi sustanzi psikoattivi ġodda fid-definizzjoni ta' "droga" permezz ta' atti delegati ħasret ukoll id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI b'effett mit-23 ta' Novembru 2018. Mill-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2017/2103 sat-23 ta' Novembru 2018, ħames sustanzi psikoattivi ġodda ġew soġġetti għal miżuri ta' kontroll u pieni kriminali taħt id-Deċiżjoni 2005/387/ĠAI. Madankollu, dawn is-sustanzi psikoattivi ġodda kienu għadhom ma ġewx inklużi fl-Anness tad-Deċiżjoni Kwadru 2004/757/ĠAI, għaldaqstant is-sustanzi segwenti ġew miżjuda fl-Anness permezz tad-Direttiva Delegata (UE) 2019/369:

- a. N-fenil-N-[1-(2-feniletil)piperidin-4-yl]furan-2-karbossamid (furanilfentanil), kif imsemmija fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2170<sup>5</sup>.
  - b. N-(1-ammino-3,3-dimetil-1-ossobutan-2-il)-1-(ċikloessilmetil)-1H-indażolu-3-karbossamid (ADB-CHMINACA), kif imsemmija fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/747<sup>6</sup>.
  - c. 1-(4-cyanobutyl)-N-(2-fenilpropan-2-yl)-1H-indazol-3-karbossamid (CUMYL-4CN-BINACA), kif imsemmija fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/748<sup>7</sup>.
  - d. N-fenil-N-[1-(2-feniletil)piperidin-4-il]ċiklopropankarbossamid (ċiklopropilfentanil) u 2-metossi-N-fenil-N-[1-(2-feniletil)piperidin-4-il]aċetamid (metossiaċetilfentanil), kif imsemmija fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1463<sup>8</sup>.
- (b) 2020: Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2020/1687 tat-2 ta' Settembru 2020 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI fir-rigward tal-inklużjoni tas-sustanza psikoattiva ġdida N,N-dietil-2-[[4-(1-metileossi)fenil]metil]-5-nitro-1H-benzimidazol-1-etanammina (isotonitazen) fid-definizzjoni ta' "droga"<sup>9</sup>;
- (c) 2021: Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2021/802 tat-12 ta' Marzu 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI fir-rigward tal-inklużjoni tas-sustanzi psikoattivi ġodda l-metil 3,3-dimetil-2-[[1-(pent-4-en-1-yl)-1H-indażolu-3-karbonil]amino]butanoat (MDMB-4en-PINACA) u l-metil 2-[[1-(4-fluworobutil)-1H-indol-3-karbonil]amino]-3,3-dimetilbutanoat (4F-MDMB-BICA) fid-definizzjoni ta' "droga"<sup>10</sup>;

---

<sup>4</sup> ĠU L 305, 21.11.2017, p. 12–18. [EUR-Lex - 32017L2103 - MT - EUR-Lex \(europa.eu\)](#)

<sup>5</sup> ĠU L 306, 22.11.2017, p. 19. [EUR-Lex - 32017D2170 - MT - EUR-Lex \(europa.eu\)](#)

<sup>6</sup> ĠU L 125, 22.5.2018, p. 8. [EUR-Lex - 32018D0747 - MT - EUR-Lex \(europa.eu\)](#)

<sup>7</sup> ĠU L 125, 22.5.2018, p. 10. [EUR-Lex - 32018D0748 - MT - EUR-Lex \(europa.eu\)](#)

<sup>8</sup> ĠU L 245, 1.10.2018, p. 9. [EUR-Lex - 32018D1463 - MT - EUR-Lex \(europa.eu\)](#)

<sup>9</sup> ĠU L 379, 13.11.2020, p. 55–57 (Dħul fis-seħħ: 23.11.2020) [EUR-Lex - 32020L1687 - MT - EUR-Lex \(europa.eu\)](#)

<sup>10</sup> ĠU L 178, 20.5.2021, p. 1–3 (Dħul fis-seħħ: 9.6.2021) [EUR-Lex - 32021L0802 - MT - EUR-Lex \(europa.eu\)](#)

(d) 2022: Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2022/1552 tat-18 ta' Marzu 2022 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI rigward l-inklużjoni ta' sustanzi psikoattivi ġodda fid-definizzjoni ta' "droga". Dan l-att żied 2-

(metilammin)-1-(3-metilfenil) propan-1-on (3-metilmekatinon, 3-MMC) u 1-(3-

klorofenil)-2-(metilammino)propan-1-on (3-klorometkatinon, 3-CMC) mal-lista<sup>11</sup>.

Id-Direttivi Delegati tressqu għall-iskrutinju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-atti delegati ġew ippubblikati wara li skada l-perjodu ta' skrutinju, billi l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda oġġezzjoni jew talba għal estensjoni matul dak iż-żmien.

### **3. Konklużjoni**

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li eżerċitat is-setgħat delegati tagħha fil-mandat mogħti lilha mid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI.

Il-Kummissjoni tippreżenta dan ir-rapport skont l-Artikolu 8a(2) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/757/ĠAI u tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jieħdu nota ta' dan ir-rapport. Id-delega tas-setgħat ta' adozzjoni ta' att delegati mogħtija jenħtieġ li tiġi estiża awtomatikament sabiex ikompli jiġi żgurat skedar effiċjenti ta' sustanzi psikoattivi ġodda fil-livell tal-Unjoni.

---

<sup>11</sup> Il-perjodu ta' skrutinju għad-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2022/1552 kien għadu qiegħed jiskorri meta nkiteb dan it-test.